# JIEN U INT

Ħabib, meta ħerqan fuq it-tmun tiegħek,
Tgħarrex għall-kewkba li ddawwallek triqtek,
Kun af, hekk nagħmel jien; jien ngħarrex miegħek;

U meta jħossok imsaħħar bil-ħolqien,
Jew tmissek b'idha ż-żewqa tan-natura,
Tinsiex li dak li tħoss inħossu jien:

Il-ħerqa għall-ħelsien, tal-ferħ id-dija,
In-nisġa tat-tiġrib imlewwen tiegħek,
In-niket kollu xewk f'waqtiet waħxija.

Miegħek naqsam is-sliem u d-dawl tat-Tama,
Is-serħ wild it-twemmin u l-hena tiegħu,
Il-ħlewwa ta' l-imħabba f'qalb daħkana;

U jekk tiddellel b'xi ħajbur mill-Fidi,
Issejjaħ trid ilbieraħ, jew li mħabbtek
Terġa' mill-mewt, sieħbi, tista' taqbad m'idi!

Jonfħu l-irjieħ kontrik, ħabrieki u ħili!
Jekk qatt tarak mitluf, baħar madwarek,
X'imkien fid-dgħajsa tiegħek tara lili;

U jekk iħossok bla kuntratt mal-ħajja,
Qed igħibu ħbiebek bħal erwieħ ġo ħolma,
Jew dan qed tarah miegħi, jew warajja!

**Joe Zammit Tabona**